MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRAZIELLA BEZZINA**

Seduta tat-12 ta' April, 2013

Talba Numru. 672/2012

**GO plc**
**C-22334**

**vs**

**Maria Emma Berg**
**Passport numru 9006131909-SE)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet illi l-konvenuta ghandha thallas lill-istess socjeta' attrici s-somma ta' erba' mija u tletin ewro u sebghin centezmu (€430.70c), liema amont huwa in konnessjoni mas-servizzi ta' komunikazzjoni bl-akkont numru *A/C40155324* moghtija mis-socjeta' attrici skond l-annessi dokumenti mmarkati Dok IZY1 u Dok.IZY2 – prospett u ftehim ghall-akkont numru A/C40155324 u Dok.IZY3 – kopja ta' ittra ufficjali a tenur tal-artikolu 166A tal-Kapitolu 12.

Illi l-konvenuta giet interpellata sabiex thallas izda baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenuta li hija ngunta ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta’ attrici u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondi ghalih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill- konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ erba’ mija u tletin ewro u sebghin centezmu (€430.70c), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez jkunu a karigu tal-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------